



Dokument ta' sessjoni

B9-0215/22

6.4.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rwol tal-membri tal-ekwipaġġ fil-proċedura li tirrapporta r-riskji
inerenti għas-sikurezza tal-avjazzjoni

Julie Lechanteux

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rwol tal-membri tal-ekwipaġġ fil-proċedura li tirrapporta r-riskji inerenti għas-sikurezza tal-avjazzjoni

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili, huwa fl-interess ta' kulħadd, il-bdoti, l-ekwipaġġ tal-kabina u l-passiġġieri, li jkun hemm livell ġenerali għoli ta' sikurezza sabiex jitnaqqsu l-fatturi ta' riskju ta' inċidenti;
- B. billi l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għamel ir-rapportar ta' okkorrenzi li jistgħu jgħolqu riskju sinifikanti għas-sikurezza tal-avjazzjoni obbligatorju;
- C. billi l-Artikolu 4(6) tar-Regolament imsemmi hawn fuq jeskludi lill-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina mil-lista ta' persuni mistennija jirrapportaw l-okkorrenzi li x'aktarx jippreżentaw riskju f'sistemi ta' rapportar uffiċjali;
 1. Iqis li l-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina jwettqu għadd ta' kompiti importanti ħafna ta' sikurezza u sigurtà qabel, matul u wara titjira u li dan għandu jiġi rikonoxxut fil-valur ġust tiegħu;
 2. Jissottolinja li l-lista ta' okkorrenzi ta' riskju marbuta mal-operat tal-inġenju tal-ajru inkluża fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1018 telenka kompiti tipiċi tal-ekwipaġġ tal-kabina;
 3. Jipproponi li r-Regolament (UE) Nru 376/2014 jiġi emendat b'mod li l-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina jiżdiedu mal-lista ta' persuni li mistennija jirrapportaw.